# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 22 ta' April 2002**

**Avviz. numru 122/02**

**Numru 35**

**Pater Finance Co. Ltd.**

**vs**

**Pine Group Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, tmien mija u ghoxrin lira (Lm1820) rappresentanti import ta' erbatax (14) il-kambjala, kollha ta' Lm130 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Jannar 2001 sa Frar 2002 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numru minn 1 sa 14 konsekuttivament u inklusivament. Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-22 ta' Jannar 2002 jammontaw ghal Lm84 oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-

ispejjes kontra s-socjeta konvenuta li r-rapprezentanti guridici taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi minn fol 2 sa fol 8 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fil-10 ta' April 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1820.00,0 bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala annessi mal-atti sat-22 ta' Jannar 2002 ammontanti ghal Lm84.00,0 kif ukoll dak ulterjorment mit-23 ta' Jannar 2002 sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjes.

Alan Calleja
Deputat Registratur